



Il-medjazzjoni fl-Istati Membri - Ċipru



Izvorna jezična inaċċa ove stranice  nedavno je izmijenjena. Naši prevoditelji trenutno pripremaju jezičnu inaċċu koju vidite.

Lil min għandek tikkuntattja?

Għal informazzjoni dwar il-medjazzjoni f'Ċipru, jekk jogħġbok ikkuntattja lil  [avukat irreġistrat f'Ċipru](#).

F'liema qasam huwa l-użu tal-medjazzjoni ammissibbli u/jew l-aktar komuni?

Il-medjazzjoni tista' tintuża sabiex tissorva kwalunkwe differenza, sakemm il-partijiet involuti jagħtu l-kunsens tagħhom.

Hemm regoli speċifiċi li wieħed irid isegwi?

B'differenza għall-forma l-oħra ta' rizzoluzzjoni alternattiva tat-tilwim (arbitraġġ), m'hemm l-ebda liġi li speċifikatament tirregola l-proċess ta' medjazzjoni u għalhekk m'hemm l-ebda regola speċifika li wieħed irid isegwi għall-medjazzjoni.

NB: abbozz ta' liġi dwar il-kwistjoni speċifika tal-medjazzjoni fil-kawżi familjari tqiegħed fuq il-medja tal-Kamra tar-Rappreżentanti (Βουλή των Αντιπροσώπων) u bħalissa qiegħed fl-istadju tad-dibattitu.

X'inhi l-ispiża tal-medjazzjoni?

M'hemm l-ebda spiża fissa għall-medjazzjoni; l-ispiża bażikament tiddependi mill-kumplessità tal-każ u mill-kompetenza tal-medjatur.

Huwa possibbli li jiġi eżegwit ftehim li jirriżulta minn medjazzjoni?

Il-medjazzjoni ma twassalx għal sentenza li tista' tiġi infurzata bl-istess mod bħal sentenza ta' qorti.

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

L-aħħar aġġornament: 08/02/2017